REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1301

tal-31 ta' Marzu 2022

li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/1226 fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tingħata skont ir-rekwiżiti ta' notifika STS għal titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta tal-bilanċ

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 27(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1226 ([2]) jispeċifika l-informazzjoni li l-partijiet tat-titolizzazzjoni għandhom jipprovdu lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) skont ir-rekwiżiti ta' notifika sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS) għal titolizzazzjonijiet tradizzjonali "ta' bejgħ veru" stabbiliti fl-Artikoli minn 19 sa 22 u l-Artikoli minn 23 sa 26 tar-Regolament (UE) 2017/2402.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) emenda r-Regolament (UE) 2017/2402 billi estenda l-qafas tat-titolizzazzjoni STS għal titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta tal-bilanċ. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li tiġi speċifikata l-informazzjoni li l-oriġinaturi jridu jippreżentaw lill-ESMA biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' notifika STS għal titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta tal-bilanċ.

(3) Sabiex l-investituri, l-investituri potenzjali u l-awtoritajiet kompetenti jingħataw idea ġenerali komparattiva tat-tipi kollha ta' titolizzazzjonijiet STS, ikun xieraq li tiġi żgurata l-konsistenza bejn in-notifiki STS kollha. Għalhekk, jenħtieġ li l-informazzjoni li l-oriġinaturi jridu jippreżentaw rigward il-konformità mar-rekwiżiti STS stabbiliti fl-Artikoli 26b sa 26e tar-Regolament (UE) 2017/2402 issegwi standards u livell ta' dettall simili għal dawk stabbiliti fl-Annessi I, II u III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1226. B'mod partikolari, konferma sempliċi tal-konformità hija biżżejjed għal xi kriterji, filwaqt li kriterji oħrajn jeħtieġu informazzjoni addizzjonali. Għaldaqstant, huwa neċessarju li ssir distinzjoni bejn dawk il-kriterji STS li għalihom konferma sempliċi tkun biżżejjed u dawk li għalihom tkun meħtieġa spjegazzjoni qasira jew spjegazzjoni dettaljata.

(4) Titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta tal-bilanċ fejn ma jrid jitfassal l-ebda prospett skont ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jippermettu li l-partijiet jidħlu fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni mingħajr ma jiżvelaw informazzjoni kummerċjali u sensittiva. Fir-rigward tal-informazzjoni li trid tiġi ppubblikata fin-notifiki STS ta' dawn it-titolizzazzjonijiet, għalhekk, ikun xieraq li jkun hemm biss informazzjoni kummerċjali iżda mhux sensittiva.

([1]) ĠU L 347 28.12.2017, p. 35.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1226 tat-12 ta' Novembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tingħata skont ir-rekwiżiti ta' notifika STS (ĠU L 289, 3.9.2020, p. 285).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2402 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata biex jgħin l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 116, 6.4.2021, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12).

(5) Sabiex tiġi ffaċilitata l-informazzjoni rilevanti għar-rekwiżiti STS, jenħtieġ li l-oriġinaturi jitħallew jirreferu għal kwalunkwe prospett rilevanti mfassal għal dik it-titolizzazzjoni sintetika fil-karta tal-bilanċ skont ir-Regolament (UE) 2017/1129 jew għal dokumentazzjoni sottostanti rilevanti oħra kif imsemmi fl-Artikolu 7(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2017/2402. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-oriġinaturi jitħallew jirreferu għal kwalunkwe dokument ieħor relatat mal-investituri u l-oriġinaturi, il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu, l-aġent ta' verifika ta' parti terza u, fejn disponibbli, id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni li tappoġġa n-noti marbuta mal-kreditu.

(6) Sabiex jittejbu t-trasparenza u l-konsistenza tal-informazzjoni bejn l-oqsma interrelatati u biex jiġu ċċarati l-karatteristiċi speċifiċi ta' ċerti titolizzazzjonijiet, inklużi titolizzazzjonijiet ta' trust prinċipali, huwa meħtieġ li tiġi ċċarata l-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata fil-kolonni "Isem tal-qasam" u "Kontenut li għandu jiġi rrapportat" għal ċerti oqsma fl-Annessi I, II u III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1226.

(7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1226 jiġi emendat skont dan.

(8) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati ppreżentati mill-ESMA lill-Kummissjoni.

(9) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2020/1226

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/1226 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt (d) li ġej:

"(d) meta t-titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni sintetika fil-karta tal-bilanċ, l-informazzjoni speċifikata fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.";

(b) fil-paragrafu 2, jiddaħħal il-punt (d) li ġej:

"(d) meta t-titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni sintetika fil-karta tal-bilanċ, l-informazzjoni speċifikata fl-oqsma STSSY2, STSSY10, STSSY12 u STSSY13 tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament.";

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Meta d-dokumenti segwenti jinkludu informazzjoni rilevanti għan-notifika STS, tista' tingħata referenza għall-partijiet rilevanti ta' dawk id-dokumenti fil-kolonna "Informazzjoni addizzjonali" fl-Annessi I, II, III jew IV ta' dan ir-Regolament u, meta tingħata din l-informazzjoni, dik id-dokumentazzjoni għandha tiġi identifikata b'mod ċar:";

(b) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) kwalunkwe dokument ieħor b'informazzjoni rilevanti għan-notifika STS, inkluż, għal titolizzazzjonijiet sintetiċi fil-karta tal-bilanċ, dokumenti relatati ma' kwalunkwe oriġinatur, kwalunkwe investitur, il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu, l-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fl-Artikolu 26e(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402, u, fejn disponibbli, id-dokumentazzjoni li tappoġġa n-noti marbuta mal-kreditu msemmija fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 26e(10) tar-Regolament (UE) 2017/2402.";

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(3) L-Annessi I, II u III huma emendati kif stipulat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(4) Jiżdied l-Anness IV, kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Annessi I, II u III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1226 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) fit-Tabella "Informazzjoni ġenerali", ir-ringieli li jikkorrispondu għall-kodiċijiet tal-qasam STSS 4 u STSS17 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"STSS4	Mhux applikabbli	Identifikatur uniku	L-identifikatur uniku assenjat mill-entità li tirrapporta skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1224 (*). Jekk aktar minn notifika STS waħda tiġi nnotifikata bl-użu ta' dan l-identifikatur uniku tat-titolizzazzjoni, dikjarazzjoni li tispjega għaliex dan huwa l-każ.	Mhux applikabbli
STSS17	Artikolu 27(3)	Oriġinatur (jew mutwant oriġinali) huwa istituzzjoni ta' kreditu	A.Dikjarazzjoni 'Iva' jew 'Le' fir-rigward ta' jekk l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali huwiex istituzzjoni ta' kreditu jew ditta ta' investiment stabbilita fl-Unjoni.	Mhux applikabbli

(*) Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/1224 tas-16 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni u d-dettalji biex titolizzazzjoni ssir disponibbli mill-oriġinatur, sponsor u SSPE (ĠU L 289, 3.9.2020, p. 1).;"

(b) fit-Tabella "Informazzjoni speċifika", ir-ringieli li jikkorrispondu għall-kodiċijiet tal-qasam STSS21 u STSS22 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"STSS21	Artikolu 20(2)	Soġġett għal irkupru serju		√		Spjegazzjoni qasira dwar jekk kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' rkupru serju msemmija fl-Artikolu 20(2), il-punti (a) jew (b), tar-Regolament (UE) 2017/2402 tinstabx fit-titolizzazzjoni.	Entrata 3.3 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSS22	Artikolu 20(3)	Eżenzjoni għad-dispożizzjonijiet ta' rkupru fil-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza	√			Konferma dwar jekk japplikawx id-dispożizzjonijiet ta' rkupru msemmija fl-Artikolu 20(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Entrata 3.3 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980"

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) fit-Tabella "Informazzjoni ġenerali", ir-ringieli li jikkorrispondu għall-kodiċijiet tal-qasam STSAT4 u STSAT17 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"STSAT4	Mhux applikabbli	Identifikatur uniku	L-identifikatur uniku assenjat mill-entità li tirrapporta skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1224. Meta tinħareġ aktar minn notifika STS waħda għal dan l-identifikatur uniku tat-titolizzazzjoni, dikjarazzjoni li tispjega għaliex dan huwa l-każ.	Mhux applikabbli

STSAT17	Artikolu 27(3)	Oriġinatur (jew mutwant oriġinali) huwa istituzzjoni ta' kreditu	A.Dikjarazzjoni "Iva" jew "Le" fir-rigward ta' jekk l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali huwiex istituzzjoni ta' kreditu jew ditta ta' investiment stabbilita fl-Unjoni.	Mhux applikabbli"

(b) fit-Tabella "Informazzjoni speċifika", ir-ringieli li jikkorrispondu għall-kodiċijiet tal-qasam STSAT21 u STSAT22 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"STSAT21	Artikolu 24(2)	Soġġett għal irkupru serju		√		Spjegazzjoni qasira dwar jekk kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' rkupru serju msemmija fl-Artikolu 24(2), il-punti (a) jew (b), tar-Regolament (UE) 2017/2402 tinstabx fit-titolizzazzjoni.	Entrata 3.3 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSAT22	Artikolu 24(3)	Eżenzjoni għad-dispożizz-jonijiet ta' rkupru fil-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza	√			Konferma dwar jekk japplikawx id-dispożizzjonijiet ta' rkupru msemmija fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Entrata 3.3 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980"

(3) fl-Anness III, fit-tabella "Informazzjoni ġenerali", ir-ringiela li tikkorrispondi għall-kodiċi tal-qasam STSAP4 hija sostitwita b'dan li ġej:

"STSAP4	Mhux applikab-bli	Identifikatur uniku	L-identifikatur uniku assenjat mill-entità li tirrapporta skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1224. Meta tinħareġ aktar minn notifika STS waħda għal dan l-identifikatur uniku tat-titolizzazzjoni, dikjarazzjoni li tispjega għaliex dan huwa l-każ.	Mhux applikabbli"

ANNESS II

"ANNESS IV

Informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata lill-ESMA skont l-Artikoli 26b sa 26e tar-Regolament (UE) 2017/2402 dwar titolizzazzjonijiet fil-karta tal-bilanċ

Informazzjoni ġenerali

Kodiċi tal-qasam	Artikolu tar-Regolament (UE) 2017/2402	Isem tal-qasam	Kontenut li għandu jiġi rrappurtat	Informazzjoni addizzjonali
STSSY1	Artikolu 27(1), it-tielet subparagrafu	L-ewwel punt ta' kuntatt	Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) tal-entità maħtura bħala l-ewwel punt ta' kuntatt u l-isem tal-awtorità kompetenti rilevanti.	Entrata 3.2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY2	Mhux applikabbli	Data tan-notifika	Id-data ta' notifika lill-ESMA.	Mhux applikabbli
STSSY3	Mhux applikabbli	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istrument	Meta disponibbli, il-kodiċi jew il-kodiċijiet internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli (ISIN). Jekk l-ebda ISIN ma jkun disponibbli, mela kwalunkwe kodiċi uniku ieħor għat-titoli (inklużi n-noti marbuta mal-kreditu), jekk disponibbli.	Meta disponibbli skont l-Entrata 3.1 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY4	Mhux applikabbli	Identifikatur ta' Entità Ġuridka (LEI)	Il-LEI tal-oriġinatur(i) u l-isponsor(s) u, meta disponibbli, tal-mutwant(i) oriġinali u l-SSPE(s).	Entrata 4.2 tal-Anness 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY5	Artikolu 31(3)	Il-bejjiegħ ta' protezzjoni	Il-LEI, l-isem, il-pajjiż ta' stabbiliment tal-bejjiegħ (a) tal-protezzjoni inizjali u l-isem tal-awtorità kompetenti.	Mhux applikabbli
STSSY6	Mhux applikabbli	Identifikatur tan-notifika	Meta tirrapporta aġġornament, in-numru uniku ta' referenza assenjat mill-ESMA għan-notifika STS notifikata preċedentement.	Mhux applikabbli
STSSY7	Mhux applikabbli	Identifikatur uniku	L-identifikatur uniku assenjat mill-entità li tirrapporta skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1224	Mhux applikabbli
STSSY8	Mhux applikabbli	Repożitorju tat-Titolizzazzjoni	Jekk applikabbli, l-isem tar-repożitorju rreġistrat tat-titolizzazzjoni.	Mhux applikabbli
STSSY9	L-Artikolu 18, it-tieni subparagrafu u l-Artikolu 27(3)	Pajjiż ta' stabbiliment	Il-pajjiż ta' stabbiliment tal-oriġinatur(i), l-isponsor(s), l-SSPE(s) u l-mutwant(i) oriġinali.	Mhux applikabbli

STSSY10	Mhux applikabbli	Klassifikazzjoni tat-titolizzazzjoni sintetika	It-tip ta' titolizzazzjoni sintetika: — titolizzazzjoni sintetika bi protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu; — titolizzazzjoni sintetika bi protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata.	Mhux applikabbli
STSSY11	Mhux applikabbli	Titolizzazzjoni sintetika bi protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata	Isem tal-bejjiegħ ta' protezzjoni (istituzzjoni governattiva jew sovranazzjonali b'piż ta' riskju ta' 0 %)	Mhux applikabbli
STSSY12	Mhux applikabbli	Il-Ftehim ta' Protezzjoni tal-Kreditu użat	It-tip ta' ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu użat: — Derivattivi ta' kreditu; — Garanziji finanzjarji	Mhux applikabbli
STSSY13	Mhux applikabbli	Klassifikazzjoni ta' skoperturi sottostanti	It-tip ta' skoperturi sottostanti fosthom: 1) Skoperturi għall-finanzjament tal-kummerċ 2) Self għal Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju (SMEs) 3) Self lill-konsumaturi 4) Self lil korporazzjonijiet kbar 5) Taħlita ta' self lill-SMEs u lil korporazzjonijiet kbar 6) Skoperturi fuq proprjetà immobbli kummerċjali 7) Oħrajn.	Mhux applikabbli
STSSY14	Mhux applikabbli	Data tal-ħruġ	Id-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni u, jekk differenti, id-data li fiha jidħol fis-seħħ il-ftehim ta' protezzjoni.	Mhux applikabbli
STSSY15	Artikolu 27(2), it-tieni subparagrafu	Verifikatur ta' parti terza awtorizzata — dikjarazzjoni	Meta parti terza awtorizzata tkun ipprovdiet servizzi ta' verifika STS skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, dikjarazzjoni li l-konformità mal-kriterji STA ġiet ikkonfermata minn dik il-parti terza awtorizzata.	Mhux applikabbli
STSSY16	Artikolu 27(2), it-tieni subparagrafu	Verifikatur ta' parti terza awtorizzata — pajjiż ta' stabbiliment	Meta parti terza awtorizzata tkun pprovdiet servizzi ta' verifika STS skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-isem u l-pajjiż ta' stabbiliment tal-parti terza.	Mhux applikabbli
STSSY17	Artikolu 27(2), it-tieni subparagrafu	Verifikatur ta' parti terza awtorizzata — awtorità kompetenti	Meta parti terza awtorizzata tkun ipprovdiet servizzi ta' verifika STS skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, l-isem tal-awtorità kompetenti li tkun awtorizzatha.	Mhux applikabbli

STSSY18	Artikolu 27(5)	Status STS	Jekk applikabbli, notifika motivata mill-oriġinatur li t-titolizzazzjoni ma għandhiex tibqa' titqies bħala STS.	Mhux applikabbli

Informazzjoni speċifika

Kodiċi tal-qasam	Artikolu tar-Regolament (UE) 2017/2402	Isem tal-qasam	Konferma	Spjegazzjoni qasira	Spjegazzjoni dettaljata	Kontenut li għandu jiġi rrappurtat	Informazzjoni addizzjonali
STSSY19	Artikolu 26b(1), l-ewwel subparagrafu	L-oriġinatur huwa entità taħt superviżjoni fl-Unjoni	√			Konferma li l-oriġinatur huwa entità li hija awtorizzata jew liċenzjata fl-Unjoni.	Mhux applikabbli
STSSY20	Artikolu 26b(1), it-tieni subparagrafu	Oriġinatur li japplika l-politiki għall-iskoperturi ta' parti terza mixtrija		√		Spjegazzjoni konċiża li l-politiki għall-kreditu, il-ġbir, ir-ristrutturar taddejn u s-servizzjar li l-oriġinatur japplika għall-iskoperturi ta' parti terza li l-oriġinatur xtara f'ismu stess u mbagħad ittitolizza, u li ma jridux ikunu inqas stretti minn dawk li l-oriġinatur japplika għal skoperturi komparabbli li ma jkunux inxtraw.	Mhux applikabbli
STSSY21	Artikolu 26b(2)	Oriġini tal-iskoperturi sottostanti		√		Spjegazzjoni konċiża li l-iskoperturi sottostanti huma oriġinati bħala parti mill-attività ewlenija tan-negozju tal-oriġinatur.	Mhux applikabbli
STSSY22	Artikolu 26b(3), l-ewwel subparagrafu	Assi miżmuma fuq il-karta tal-bilanċ tal-oriġinatur meta tagħlaq it-tranżazzjoni	√			Konferma li, fid-data tal-għeluq ta' tranżazzjoni, l-iskoperturi sottostanti jinżammu fil-karta tal-bilanċ tal-oriġinatur jew ta' entità li tappartjeni għall-istess grupp tal-oriġinatur.	Mhux applikabbli
STSSY23	Artikolu 26b(3), it-tieni subparagrafu	Kategorija tal-grupp	√			Għall-finijiet tal-qasam STSSY22, konferma ta' liema miż-żewġ gruppi li ġejjin hija dik rilevanti:	Mhux applikabbli

						(a) grupp ta' entitajiet ġuridiċi li huwa soġġett għal konsolidazzjoni prudenzjali skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; (b) grupp kif definit fil-punt (c) tal-Artikolu 212(1) tad-Direttiva 2009/138/KE ([1])	
STSSY24	Artikolu 26b(4)	L-ebda ħħeġġjar ulterjuri tal-iskopertura tal-oriġinatur	√			Konferma li l-oriġinatur ma jiħħeġġjax l-iskopertura tiegħu għar-riskju tal-kreditu tal-iskoperturi sottostanti tat-titolizzazzjoni lil hinn mill-protezzjoni miksuba permezz tal-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu.	Mhux applikabbli
STSSY25	Artikolu 26b(5)	Ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu li jissodisfa l-Artikolu 249 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	√			Konferma li l-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu jikkonforma mar-regoli ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu stabbiliti fl-Artikolu 249 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.	Mhux applikabbli
STSSY26	Artikolu 26b(5)	Ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu li jikkonforma ma' regoli oħra ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu		√		Meta l-Artikolu 249 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ma jkunx applikabbli, spjegazzjoni konċiża li l-konformità mar-rekwiżiti li mhumiex inqas stretti mir-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-Artikolu hija żgurata.	Mhux applikabbli
STSSY27	Artikolu 26b(6), il-punt (a)	Rappreżentazzjonijiet u garanziji — Titolu legali għall-iskoperturi sottostanti		√		Spjegazzjoni qasira tar-rappreżentazzjonijiet u tal-garanziji tal-oriġinatur li tindika li l-oriġinatur jew entità tal-grupp li l-oriġinatur jappartjeni fih għandha titolu legali u validu sħiħ għall-iskoperturi sottostanti u d-drittijiet anċillari assoċjati tagħhom.	Mhux applikabbli

([1]) Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

STSSY28	Artikolu 26b(6), il-punt (b)	Rappreżentazzjonijiet u garanziji — L-oriġinatur iżomm ir-riskju tal-kreditu tal-assi sottostanti		√		Spjegazzjoni qasira tar-rappreżentazzjonijiet u tal-garanziji tal-oriġinatur, meta l-oriġinatur ikun istituzzjoni tal-kreditu kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew impriża tal-assigurazzjoni kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE, l-oriġinatur jew entità li tkun inkluża fl-ambitu tas-superviżjoni fuq bażi konsolidata żżomm ir-riskju tal-kreditu tal-iskoperturi sottostanti fil-karta tal-bilanċ tagħha.	Mhux applikabbli
STSSY29	Artikolu 26b(6), il-punt (c)	Rappreżentazzjonijiet u garanziji — Konformità tal-iskopertura mal-kriterji tal-eliġibbiltà		√		Spjegazzjoni qasira tar-rappreżentazzjonijiet u tal-garanziji tal-oriġinatur li kull skopertura sottostanti tikkonforma, fid-data li tkun inkluża fil-portafoll titolizzat, mal-kriterji ta' eliġibbiltà u mal-kundizzjonijiet kollha, minbarra l-okkorrenza ta' avveniment ta' kreditu kif imsemmi fl-Artikolu 26e(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402, għal pagament ta' protezzjoni ta' kreditu f'konformità mal-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu li jinsab fid-dokumentazzjoni tat-titolizzazzjoni.	Entrata 2.2.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY30	Artikolu 26b(6), il-punt (d)	Rappreżentazzjonijiet u garanziji — Obbligu legali u eżegwibbli lejn l-obbligant		√		Spjegazzjoni qasira tar-rappreżentazzjonijiet u tal-garanziji tal-oriġinatur li, sa fejn jaf l-oriġinatur, il-kuntratt għal kull skopertura sottostanti jinkludi obbligu legali, validu, vinkolanti u infurzabbli fuq l-obbligant biex iħallas is-somom ta' flus speċifikati f'dak il-kuntratt.	Entrata 2.2.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980

STSSY31	Artikolu 26b(6), punt (e)	Rappreżentazzjonijiet u garanziji — Kriterji ta' sottoskrizzjoni		√		Spjegazzjoni qasira tar-rappreżentazzjonijiet u tal-garanziji tal-oriġinatur li l-iskoperturi sottostanti jikkonformaw mal-kriterji ta' sottoskrizzjoni li mhumiex anqas stretti minn dawk li l-oriġinatur japplika għal skoperturi simili li mhumiex titolizzati.	Entrata 2.2.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY32	Artikolu 26b(6), il-punt (f)	Rappreżentazzjonijiet u garanziji — L-ebda obbligant fi ksur materjali jew f'nuqqas		√		Spjegazzjoni qasira tar-rappreżentazzjonijiet u tal-garanziji tal-oriġinatur li, sa fejn jaf l-oriġinatur, l-ebda obbligant ma huwa fi ksur materjali jew f'nuqqas ta' kwalunkwe wieħed mill-obbligi tiegħu fir-rigward ta' skopertura sottostanti fid-data li fiha l-iskopertura sottostanti tkun inkluża fil-portafoll titolizzat.	Entrata 2.2.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY33	Artikolu 26b(6), il-punt (g)	Rappreżentazzjonijiet u garanziji — L-ebda informazzjoni falza fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet		√		Spjegazzjoni qasira tar-rappreżentazzjonijiet u tal-garanziji tal-oriġinatur li, sa fejn jaf l-oriġinatur, id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjonijiet ma tinkludix informazzjoni falza dwar id-dettalji tal-iskoperturi sottostanti.	Entrata 2.2.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY34	Artikolu 26b(6), il-punt (h)	Rappreżentazzjonijiet u garanziji — Eżegwibbiltà jew ġbir tal-iskoperturi sottostanti		√		Spjegazzjoni konċiża tar-rappreżentazzjonijiet u tal-garanziji tal-oriġinatur li fl-għeluq tat-tranżazzjoni jew meta skopertura sottostanti tkun inkluża fil-portafoll titolizzat, il-kuntratt bejn l-obbligant u l-mutwanti oriġinali fir-rigward ta' dik l-iskopertura sottostanti ma jkunx ġie emendat b'tali mod li tkun ġiet affettwata l-infurzabbiltà jew il-possibbiltà li dik l-iskopertura sottostanti tinġabar.	Entrata 2.2.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980

STSSY35	Artikolu 26b(7), l-ewwel subparagrafu	Kriterji ta' eliġibbiltà li ma jippermettux immaniġġar tal-portafoll attiv tal-iskoperturi sottostanti fuq bażi diskrezzjonali		√		Spjegazzjoni dettaljata li l-iskoperturi sottostanti jissodisfaw kriterji ta' eliġibbiltà predeterminati, ċari u dokumentati li ma jippermettux immaniġġar tal-portafoll attiv ta' dawk l-iskoperturi fuq bażi diskrezzjonali.	Taqsima 2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY36	Artikolu 26b(7), it-tieni subparagrafu	Eżenzjoni mill-projbizzjoni tal-immaniġġar tal-portafoll attiv		√		Għall-finijiet tal-qasam STSSY35, spjegazzjoni qasira li s-sostituzzjoni tal-iskoperturi li jiksru r-rappreżentazzjonijiet jew il-garanziji jew, jekk it-titolizzazzjoni tinkludi perjodu ta' rikostituzzjoni, iż-żieda ta' skoperturi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' rikostituzzjoni definiti, ma jitqisux bħala mmaniġġar tal-portafoll attiv.	Taqsima 2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY37	Artikolu 26b(7), it-tielet subparagrafu	Skopertura miżjuda wara d-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni li tissodisfa l-kriterji tal-eliġibbiltà		√		Spjegazzjoni qasira li kwalunkwe skopertura miżjuda wara d-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni tissodisfa l-kriterji tal-eliġibbiltà li mhumiex inqas stretti minn dawk applikati fl-għażla inizjali tal-iskoperturi sottostanti.	Taqsima 2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 38	Artikolu 26b(7), ir-raba' subparagrafu, punt (a)	Skopertura mħallsa lura bis-sħiħ		√		Jekk l-iskopertura sottostanti se titneħħa mit-tranżizzjoni, spjegazzjoni qasira li tkun ġiet imħallsa lura bis-sħiħ jew immaturat mod ieħor.	Taqsima 2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 39	Artikolu 26b(7), ir-raba' subparagrafu, il-punt (b)	Skoperturi sottostanti li tneħħew		√		Jekk l-iskopertura sottostanti se titneħħa mit-tranżizzjoni, spjegazzjoni qasira li tkun tneħħiet matul il-kors ordinarju tan-negozju tal-oriġinatur, sakemm tali disponiment ma jkunx jikkostitwixxi appoġġ impliċitu kif imsemmi fl-Artikolu 250 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.	Taqsima 2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980

STSSY 40	Artikolu 26b(7), ir-raba' subparagrafu, il-punt (c)	Emenda mhux immexxija mill-kreditu		√		Jekk l-iskopertura sottostanti se titneħħa mit-tranżazzjoni, spjegazzjoni qasira li hija soġġetta għal emenda li mhijiex immexxija mill-kreditu, bħar-rifinanzjament jew ir-ristrutturar tad-dejn, u li tokkorri matul il-kors ordinarju tal-ġestjoni ta' dik l-iskopertura sottostanti.	Taqsima 2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 41	Artikolu 26b(7), ir-raba' subparagrafu, il-punt (d)	Il-kriterji ta' eliġibbiltà mhux issodisfati		√		Jekk l-iskopertura sottostanti se titneħħa mit-tranżazzjoni, spjegazzjoni qasira li hija ma ssodisfatx il-kriterji ta' eliġibbiltà meta ġiet inkluża fit-tranżazzjoni.	Taqsima 2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 42	Artikolu 26b(8), l-ewwel subparagrafu	Omoġeneità tal-assi			√	Spjegazzjoni qasira ta' kif it-titolizzazzjoni hija appoġġata minn aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti li jkunu omoġenji f'termini tat-tip ta' assi. Għal dak il-għan, għandha ssir referenza għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1851 ([2]).	Entrata 2.2.7 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 43	Artikolu 26b(8), l-ewwel subparagrafu	Tip wieħed biss ta' assi			√	Spjegazzjoni dettaljata ta' kif l-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti tinkludi tip wieħed biss ta' assi.	Entrata 2.2.7 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 44	Artikolu 26b(8), it-tieni subparagrafu	Obbligi li huma kuntrattwalment vinkolanti u eżegwibbli		√		Spjegazzjoni qasira li l-iskoperturi sottostanti msemmija fil-qasam STSSY42 ikun fihom obbligi li jkunu kuntratwalment vinkolanti u eżegwibbli, b'riskors sħiħ fil-konfront tad-debituri u, jekk japplika, tal-garanti.	Entrata 2.2.7 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1851 tat-28 ta' Mejju 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar l-omoġeneità tal-iskoperturi sottostanti fit-titolizzazzjoni (ĠU L 285, 6.11.2019, p. 1).

STSSY 45	Artikolu 26b(8), it-tielet subparagrafu	Pagament perjodiku definit			√	Spjegazzjoni dettaljata ta' kif l-iskoperturi sottostanti msemmija fil-qasam STSSY42 ikollhom flussi ta' pagament perjodiċi definiti, li l-ħlasijiet parzjali tagħhom jistgħu jvarjaw fl-ammonti tagħhom, relatati mal-kiri, il-kapital jew il-pagamenti tal-imgħax, jew ma' kwalunkwe dritt ieħor li jirċievu introjtu mill-assi li jappoġġaw dawn il-pagamenti.	Entrata 2.2.7 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 46	Artikolu 26b(8), it-tielet subparagrafu	Rikavat mill-bejgħ tal-assi			√	Spjegazzjoni dettaljata ta' jekk u kif l-iskoperturi sottostanti msemmija fil-qasam STSSY42 jistgħu jiġġeneraw ukoll rikavati mill-bejgħ ta' kwalunkwe assi ffinanzjati jew lokati.	Entrata 2.2.7 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 47	Artikolu 26b(8), ir-raba' subparagrafu	Titoli mhux trasferibbli			√	Spjegazzjoni dettaljata ta' kif l-iskoperturi sottostanti ma jinkludux titoli trasferibbli, kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (44), tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), ħlief bonds korporattivi li ma humiex elenkati f'ċentru tan-negozjar.	Entrata 2.2.7 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 48	Artikolu 26b(9)	L-ebda rititolizzazzjoni	√			Konferma li l-iskoperturi sottostanti ma jkunu jinkludu ebda pożizzjoni ta' titolizzazzjoni.	Entrata 2.2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 49	Artikolu 26b(10), l-ewwel subparagrafu	Standards ta' sottoskrizzjoni divulgati lill-investituri potenzjali	√			Konferma li l-istandards ta' sottoskrizzjoni li jkunu oriġinati konformement magħhom l-iskoperturi sottostanti u kwalunkwe bidla materjali minn standards ta' sottoskrizzjoni preċedenti jiġu divulgati b'mod sħiħ mingħajr dewmien bla bżonn lill-investituri potenzjali.	Entrata 2.2.7 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980

([3]) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

STSSY 50	Artikolu 26b(10), l-ewwel subparagrafu	Riskors sħiħ għall-obbligant	√			Konferma li l-iskoperturi sottostanti jkunu sottoskritti b'rikors sħiħ għal obbligant li mhuwiex SSPE.	Entrata 2.2.7 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 51	Artikolu 26b(10), l-ewwel subparagrafu	Standards ta' sottoskrizzjoni — L-ebda parti terza	√			Konferma li l-ebda parti terza ma tkun involuta fid-deċiżjonijiet ta' kreditu jew ta' sottoskrizzjoni li jikkonċernaw l-iskoperturi sottostanti.	Entrata 2.2.7 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 52	Artikolu 26b(10), it-tieni subparagrafu	Standards ta' sottoskrizzjoni — Self residenzjali	√			Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet li l-iskoperturi sottostanti tagħhom ikunu self residenzjali, konferma li l-aggregazzjoni tas-self ma tkun tinkludi l-ebda self li tqiegħed fis-suq u li jkun ġie sottoskritt fuq il-bażi li l-applikant għas-self jew, fejn applikabbli, l-intermedjarji kienu jafu li l-informazzjoni pprovduta jaf ma tkunx ġiet verifikata mill-mutwanti.	Entrata 2.2.7 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 53	Artikolu 26b(10), it-tielet subparagrafu	Standards ta' sottoskrizzjoni — Valutazzjoni tal-mutwatarju	√			Konferma li l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-mutwanti tkun tissodisfa r-rekwiżiti mogħtija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jew l-Artikolu 18(1) sa (4), il-punt (a), tal-Artikolu 18(5) u l-Artikolu 18(6), tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), jew fejn applikabbli, rekwiżiti ekwivalenti f'pajjiżi terzi.	Entrata 2.2.7 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 54	Artikolu 26b(10), ir-raba' subparagrafu	Għarfien espert tal-oriġinatur jew tal-mutwant oriġinali	√			Konferma li l-oriġinatur jew il-mutwanti oriġinali jkollu għarfien espert fl-oriġinazzjoni ta' skoperturi ta' xorta simili għal dawk titolizzati.	Entrata 2.2.7 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980

([4]) Id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66).

([5]) Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34).

STSSY 55	Artikolu 26b(11), il-punt (a)	L-ebda skopertura inadempjenti		√		Spjegazzjoni qasira li, fil-mument tal-għażla, l-iskoperturi sottostanti ma jkunux jinkludu skoperturi inadempjenti skont it-tifsira tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew skoperturi għal debitur jew garanti bi kreditu indebolit, li sa fejn jaf l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali jkun ġie ddikjarat insolventi, jew meta qorti tkun tat lill-kredituri tiegħu dritt finali mhux appellabbli ta' infurzar jew danni materjali bħala riżultat ta' pagamenti mitluf fi żmien tliet snin qabel id-data tal-oriġinazzjoni, jew li jkun għadda minn proċess ta' ristrutturar tad-dejn fir-rigward tal-iskoperturi improduttivi tiegħu fi żmien tliet snin qabel id-data tal-għażla tal-iskoperturi sottostanti, ħlief meta (i) skopertura sottostanti ristrutturata ma tkunx ippreżentat arretrati ġodda mid-data tar-ristrutturar, li jrid ikun seħħ mill-inqas sena qabel l-għażla tal-iskoperturi sottostanti; jew (ii) l-informazzjoni pprovduta mill-oriġinatur skont il-punt (a) u l-punt (e) (i) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(1), tar-Regolament (UE) 2017/2402 b'mod espliċitu tkun tistabbilixxi il-proporzjon tal-iskoperturi sottostanti ristrutturati, il-ħin u d-dettalji tar-ristrutturar u l-prestazzjoni tagħhom mid-data tar-ristrutturar. Fil-każ li tapplika xi waħda minn dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet, ipprovdi spjegazzjoni qasira tagħha.	Entrata 2.2.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980

STSSY 56	Artikolu 26b(11), il-punt (b)	L-ebda storja kreditizja negattiva		√		Spjegazzjoni konċiża li filmument tal-għażla, l-iskoperturi sottostanti ma jkunux jinkludu skoperturi inadempjenti skont it-tifsira tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew skoperturi għal debitur jew garanti bi kreditu indebolit, li sa fejn jaf l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali, fiżżmien tal-oriġinazzjoni tal-iskopertura sottostanti, fejn applikabbli, kien fuq reġistru pubbliku tal-kreditu ta' persuni bi storja kreditizja negattiva jew, meta ma jkunx hemm tali reġistru pubbliku tal-kreditu, reġistru tal-kreditu ieħor li jkun disponibbli għall-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali;	Mhux applikabbli
STSSY 57	Artikolu 26b(11), il-punt (c)	Ir-riskju ta' nuqqas ta' pagament mhuwiex ogħla minn dak għal skoperturi mhux ta' titolizzazzjoni		√		Spjegazzjoni qasira li, filmument tal-għażla, l-iskoperturi sottostanti ma jkunux jinkludu skoperturi inadempjenti skont it-tifsira tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew skoperturi għal debitur jew garanti bi kreditu indebolit, li sa fejn jaf l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali, ikollhom klassifikazzjoni tal-kreditu jew evalwazzjoni tal-kreditu li tindika li r-riskju li ma jsirux il-pagamenti kuntrattwalment maqbulin huwa ferm ogħla minn dak ta' skoperturi komparabbli miżmuma mill-oriġinatur li mhumiex titolizzati.	Mhux applikabbli
STSSY 58	Artikolu 26b(12)	Mill-inqas pagament wieħed magħmul fiżżmien tal-inklużjoni tal-assi sottostanti	√			Konferma li d-debituri, fiżżmien tal-inklużjoni tal-assi sottostanti, jkunu għamlu mill-inqas pagament wieħed, ħlief jekk: (a) it-titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni rotanti, garantita bi skoperturi pagabbli f'pagament wieħed jew li għandha maturità ta' inqas minn sena, inkluż, mingħajr limitazzjoni, il-pagamenti fix-xahar għal krediti rotanti; jew	Entrata 3.3 u 3.4.6 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980

						(b) l-iskopertura tirrappreżenta r-rifinanzjament ta' skopertura li diġà tkun inkluża fit-tranżazzjoni. Fil-każ li tapplika xi waħda minn dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet, ipprovdi spjegazzjoni qasira tagħha.	
STSSY 59	Artikolu 26c(1)	Konformità mar-rekwiżit tar-ritenzjoni tar-riskju			√	Spjegazzjoni dettaljata ta' kif l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali jissodisfa r-rekwiżiti tar-ritenzjoni tar-riskju skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Entrata 3.1 tal-Anness 9 u l-Entrata 3.4.3 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 60	Artikolu 26c(2), l-ewwel subparagrafu	Mitigazzjoni tar-riskji tar-rata tal-imgħax u tal-munita	√			Konferma li: (a) ir-riskji tar-rata tal-imgħax u tal-munita li jirriżultaw minn titolizzazzjoni u l-effetti possibbli tagħhom fuq il-pagamenti lill-oriġinatur u lill-investituri jiġu deskritti fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni, (b) dawk ir-riskji jiġu mitigati b'mod xieraq u kwalunkwe miżura meħuda għal dak il-għan tiġi ddivulgata lill-investituri.	Entrati 3.4.2 u 3.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY61	Artikolu 26c(2), l-ewwel subparagrafu	Kollateral ta' protezzjoni tal-kreditu u pagament ta' protezzjoni tal-kreditu denominati fl-istess munita	√			Konferma li kwalunkwe kollateral li jkun jiggarantixxi l-obbligi tal-investitur skont il-ftehim ta' protezzjoni ta' kreditu jkun denominat fl-istess munita li fih huwa denominat il-pagament tal-protezzjoni ta' kreditu.	Entrati 3.4.2 u 3.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980

STSSY 62	Artikolu 26c(2), it-tieni subparagrafu	Obbligazzjonijiet tal-SSPE li jkunu daqs jew inqas mill-introjtu tal-SSPE		√		Spjegazzjoni qasira li fil-każ ta' titolizzazzjoni bl-użu ta' SSPE, l-ammont ta' obbligazzjonijiet tal-SSPE dwar il-pagamenti tal-imgħax lill-investituri għandu, f'kull data ta' pagament, ikun inqas mill-ammont ta' introjtu tal-SSPE mill-oriġinatur u kwalunkwe arranġament kollaterali.	Entrati 3.4.2 u 3.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 63	Artikolu 26c(2), it-tielet subparagrafu	L-ebda derivattiv ma jintuża ħlief għall-iħħeġġjar tar-riskju tal-imgħax jew tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-munita	√			Konferma li l-aggregazzjoni tal-iskoperturi sottostanti ma tkunx tinkludi derivattivi ħlief għall-fini tal-iħħeġġjar tar-rata tal-imgħax jew tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-munita tal-iskoperturi sottostanti.	Entrati 3.4.2 u 3.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 64	Artikolu 26c(2), it-tielet subparagrafu	Użu ta' derivattivi fuq il-bażi ta' standards komuni		√		Spjegazzjoni qasira li, f'każ li tapplika l-eċċezzjoni msemmija fin-numru tal-qasam STSSY63, kwalunkwe derivattiv użat ikun sottoskritt u dokumentat skont standards aċċettati b'mod komuni.	Entrati 3.4.2 u 3.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 65	Artikolu 26c(3), l-ewwel u t-tieni subparagrafu	Pagamenti tal-imgħax b'rata ta' referenza bbażat fuq rati tal-imgħax ġeneralment użati mingħajr formuli jew derivattivi kumplessi		√		Spjegazzjoni qasira li turi fuq liema minn dawn l-elementi jibbażaw il-pagamenti tal-imgħax b'rata ta' referenza, f'każ ta kwalunkwe pagament tal-imgħax b'rabta ma' tranżazzjoni: (a) rati tal-imgħax ġeneralment użati fis-suq, jew rati settorjali ġeneralment użati li jirriflettu l-ispejjeż ta' fondi, u ma jirreferux għal formuli jew derivattivi kumplessi; jew (b) introjtu ġġenerat mill-kollateral li jiggarantixxi l-obbligazzjonijiet tal-investitur skont il-ftehim ta' protezzjoni.	Entrata 2.2.2 u 2.2.13 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980

						Spjegazzjoni qasira li kwalunkwe pagament tal-imgħax b'rata ta' referenza dovut fil-kuntest tal-iskoperturi sottostanti jkun ibbażat fuq rati tal-imgħax ġeneralment użati fis-suq, jew rati settorjali ġeneralment użati li jkunu jirriflettu l-ispiża tal-fondi li ma jirreferux għal formuli jew derivattivi kumplessi	
STSSY 66	Artikolu 26c(4), l-ewwel subparagrafu	Avveniment ta' infurzar mingħajr preġudizzju għall-azzjoni ta' infurzar tal-investitur		√		Spjegazzjoni qasira li l-investitur ikun permess jieħu azzjoni ta' infurzar wara l-okkorrenza ta' avveniment ta' infurzar fir-rigward tal-oriġinatur.	Entrata 3.4.5 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 67	Artikolu 26c(4), it-tieni subparagrafu	L-infurzar tal-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu — L-ebda ammont ta' flus kontanti ma għandu jinqabad fl-SSPE		√		Spjegazzjoni qasira li, fil-każ ta' titolizzazzjoni bl-użu ta' SSPE, meta jinħareġ avviż ta' eżekuzzjoni jew ta' terminazzjoni tal-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu, l-ebda ammont ta' flus kontanti ma jinqabad fl-SSPE lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġi żgurat il-funzjonament operattiv tal-SSPE, il-ħlas tal-pagamenti ta' protezzjoni għal skoperturi sottostanti inadempjenti li jkunu għadhom qed jiġu ristrutturati fil-mument tat-terminazzjoni, jew ir-ripagament ordnat lil investituri f'konformità mat-termini kuntrattwali tat-titolizzazzjoni.	Entrata 3.4.5 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 68	Artikolu 26c(5), l-ewwel subparagrafu	Telf allokat fl-ordni tas-superjorità		√		Spjegazzjoni qasira li t-telf ikun allokat lid-detenturi ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fl-ordni ta' superjorità tas-segmenti, bl-aktar segment subordinat jiġi l-ewwel.	Entrata 3.4.5 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 69	Artikolu 26c(5), it-tieni subparagrafu	Ammortizzament sekwenzjali		√		Spjegazzjoni qasira li l-amortizzament sekwenzjali ikun applikat għas-segmenti kollha biex jiġi ddeterminat l-ammont pendenti tas-segmenti f'kull data ta' pagament, bl-aktar segment superjuri jiġi l-ewwel.	Entrata 3.4.5 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980

STSSY 70	Artikolu 26c(5), it-tielet subparagrafu	Prijorità mhux sekwenzjali tal-pagamenti		√		B'deroga mill-qasam STSSY 69, spjegazzjoni qasira li, għat-tranżazzjonijiet li jinkludu prijorità mhux sekwenzjali ta' pagamenti ikunu previsti skattaturi relatati mal-prestazzjoni tal-iskoperturi sottostanti, li jirriżultaw f'li l-prijorità ta' pagamenti titreġġa' lura għall-pagamenti sekwenzjali fl-ordni tas-superjorità.	Entrata 3.4.5 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 71	Artikolu 26c(5), it-tielet subparagrafu, il-punt (a)	Skattaturi relatati mal-prestazzjoni			√	Spjegazzjoni dettaljata tal-iskattatur obbligatorju relatat mal-prestazzjoni msemmi fil-qasam STSSY70, li jkun iż-żieda fl-ammont kumulattiv ta' skoperturi inadempjenti jew iż-żieda fit-telf kumulattiv akbar minn perċentwal partikolari tal-ammont pendenti tal-portafoll sottostanti.	Entrata 3.4.5 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 72	Artikolu 26c(5), it-tielet subparagrafu, punt (b)	Skattaturi relatati mal-prestazzjoni			√	Spjegazzjoni dettaljata tal-iskattatur retrospettiv addizzjonali tal-prestazzjoni msemmi fil-qasam STSSY70.	Entrata 3.4.5 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 73	Artikolu 26c(5), it-tielet subparagrafu, il-punt (c)	Skattaturi relatati mal-prestazzjoni			√	Spjegazzjoni dettaljata tal-iskattatur prospettiv tal-prestazzjoni imsemmi fil-qasam STSSY70.	Entrata 3.4.5 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 74	Artikolu 26c(5), is-seba' paragrafu	Ammont ta' kollateral daqs l-ammont ta' segmenti li qed jiġu amortizzati		√		Spjegazzjoni qasira li, hekk kif is-segmenti jammortizzaw, l-ammont tal-kollateral li jkun daqs l-ammont tal-ammortizzament ta' dawk is-segmenti jingħata lura lill-investituri, dment li l-investituri jkunu kollateralizzaw dawk is-segmenti.	Entrata 3.4.5 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980

STSSY 75	Artikolu 26c(5), it-tmien subparagrafu	Seħħ avveniment ta' kreditu u l-ammont ta' protezzjoni ta' kreditu disponibbli fi kwalunkwe data tal-pagament		√		Spjegazzjoni qasira dwar il-fatt li, meta avveniment ta' kreditu kif imsemmi fl-oqsma STSSY100 jew STSSY101 jkun seħħ fir-rigward ta' skoperturi sottostanti u r-ristrutturar tad-dejn għal dawk l-iskoperturi ma jkunx tlesta, l-ammont ta' protezzjoni tal-kreditu li jifdal fi kwalunkwe data ta' pagament jkun mill-inqas ekwivalenti għall-ammont nominali pendenti ta' dawk l-iskoperturi sottostanti, li minnu jitnaqqas l-ammont ta' kwalunkwe pagament interim magħmul fir-rigward ta' dawk l-iskoperturi sottostanti.	Entrata 3.4.5 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 76	Artikolu 26c(6), il-punt (a)	Dispożizzjonijiet jew skattaturi ta' amortizzament antiċipat — Kwalità kreditizja		√		Meta titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni rotanti, spjegazzjoni konċiża li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tkun tinkludi dispożizzjonijiet jew skattaturi xierqa ta' amortizzament antiċipat għat-terminazzjoni tal-perjodu rotanti f'każ ta' deterjorament fil-kwalità kreditizja tal-iskoperturi sottostanti sa limitu predefinit jew inqas minn dan il-limitu.	Entrati 2.3 u 2.4 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 77	Artikolu 26c(6), il-punt (b)	Dispożizzjonijiet jew skattaturi ta' amortizzament antiċipat — Telf		√		Meta titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni rotanti, spjegazzjoni qasira li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tkun tinkludi dispożizzjonijiet xierqa ta' ammortizzament antiċipat jew skattaturi għat-terminazzjoni tal-perijodu rotanti f'każ ta' żieda fit-telf li tkun ogħla mil-limitu predefinit;	Entrati 2.3 u 2.4 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 78	Artikolu 26c(6), il-punt (c)	Dispożizzjonijiet jew skattaturi ta' amortizzament antiċipat — Skoperturi ġodda		√		Meta titolizzazzjoni tkun titolizzazzjoni rotanti, spjegazzjoni konċiża li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tkun tinkludi dispożizzjonijiet xierqa ta' ammortizzazzjoni antiċipat jew skattaturi għat-terminazzjoni tal-perjodu rotanti f'każ ta' nuqqas li jiġu ġġenerati biżżejjed skoperturi sottostanti ġodda li jissodisfaw il-kwalità kreditizja predetefinita matul perjodu speċifikat.	Entrati 2.3 u 2.4 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980

STSSY 79	Artikolu 26c(7), il-punt (a)	Obbligi, dmirijiet u responsabbiltajiet kuntrattwali — Ġestur		√		Spjegazzjoni qasira li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tkun tispeċifika b'mod ċar l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kuntrattwali tal-ġestur.	Entrata 3.2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 80	Artikolu 26c(7), il-punt (a)	Obbligi, dmirijiet u responsabbiltajiet — Fiduċjarju		√		Spjegazzjoni qasira dwar il-fatt li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tkun tispeċifika b'mod ċar l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kuntrattwali tal-fiduċjarju u fornituri ta' servizzi anċillari oħra, jekk applikabbli.	Entrata 3.2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 81	Artikolu 26c(7), il-punt (a)	Obbligi, dmirijiet u responsabbiltajiet kuntrattwali — Aġent ta' verifika ta' parti terza		√		Spjegazzjoni qasira li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tkun tispeċifika b'mod ċar l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kuntrattwali tal-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126.	Entrata 3.2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 82	Artikolu 26c(7), il-punt (b)	Sostituzzjoni tal-fornituri ta' servizzi f'każ tal-inadempjenza jew l-insolvenza tagħhom		√		Spjegazzjoni qasira li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tkun tispeċifika b'mod ċar id-dispożizzjonijiet li jiżguraw is-sostituzzjoni tas-servizzjant, tal-fiduċjarju, tafornituri oħra ta' servizzi anċillari jew tal-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmija fil-qasam STSSY126 fil-każ ta' inadempjenza jew insolvenza ta' kwalunkwe wieħed minn dawk il-fornituri ta' servizzi, meta dawk il-fornituri ta' servizzi jkunu differenti mill-oriġinatur, b'mod li ma jirriżultax fit-tmiem tal-forniment ta' dawk is-servizzi.	Entrata 3.2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 83	Artikolu 26c(7), il-punt (c)	Proċeduri ta' ġestjoni		√		Spjegazzjoni qasira li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tkun tispeċifika b'mod ċar il-proċeduri ta' ġestjoni li japplikaw għall-iskoperturi sottostanti fid-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni u wara u ċ-ċirkostanzi li fihom dawk il-proċeduri jistgħu jiġu mmodifikati.	Entrata 3.4.6 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980

STSSY 84	Artikolu 26c(7), il-punt (d)	Standards tas-servizzjar		√		Spjegazzjoni qasira li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tkun tispeċifika b'mod ċar l-istandards tal-ġestjoni li s-servizzjant ikun obbligat li jaderixxi magħhom fil-ġestjoni tal-iskoperturi sottostanti matul il-ħajja kollha tat-titolizzazzjoni.	Entrata 3.4.6 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 85	Artikolu 26c(8), l-ewwel subparagrafu	Għarfien espert mis-servizzjant		√		Spjegazzjoni qasira li s-servizzjant ikollu għarfien espert fil-ġestjoni ta' skoperturi ta' natura simili għall-iskoperturi titolizzati.	Entrata 3.4.6 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 86	Artikolu 26c(8), l-ewwel subparagrafu	Politiki, proċeduri u kontrolli tal-immaniġġjar tar-riskju dokumentati sew u adegwati fis-seħħ	√			Konferma li s-servizzjant ikollu politiki, proċeduri u kontrolli tal-immaniġġjar tar-riskju dokumentati sew u adegwati relatati mal-ġestjoni tal-iskoperturi.	Entrata 3.4.6 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 87	Artikolu 26c(8), it-tieni subparagrafu	Proċeduri ta' ġestjoni li jkunu tal-anqas stretti daqs dawk applikati għal skoperturi simili li mhumiex titolizzati	√			Spjegazzjoni qasira li s-servizzjant ikun japplika proċeduri ta' ġestjoni għall-iskoperturi sottostanti li jkunu tal-anqas stretti daqs dawk applikati mill-oriġinatur għal skoperturi simili li mhumiex titolizzati.	Entrata 3.4.6 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 88	Artikolu 26c(9)	Reġistru ta' referenza fis-seħħ			√	Spjegazzjoni dettaljata li turi l-mod kif l-oriġinatur iżomm reġistru ta' referenza aġġornat biex jidentifika l-iskoperturi sottostanti f'kull ħin.	Mhux applikabbli
STSSY 89	Artikolu 26c(9)	Reġistru ta' referenza — Kontenut		√		Spjegazzjoni qasira li r-reġistru ta' referenza msemmi fil-Qasam STSSY 88 jidentifika l-obbliganti ta' referenza, l-obbligi ta' referenza li minnhom joriġinaw l-iskoperturi sottostanti u, għal kull skopertura sottostanti, l-ammont nominali li huwa protett u li huwa pendenti.	Mhux applikabbli

STSSY 90	Artikolu 26c(10)	Riżoluzzjoni f'waqtha ta' kunflitti bejn klassijiet differenti ta' investituri	√			Konferma li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tinkludi dispożizzjonijiet ċari li jiffaċilitaw ir-riżoluzzjoni f'waqtha ta' kunflitti bejn klassijiet differenti ta' investituri.	Entrati 3.4.7 u 3.4.8 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 91	Artikolu 26c(10)	SSPE — Drittijiet tal-vot definiti b'mod ċar	√			Konferma li, fil-każ ta' titolizzazzjoni bl-użu ta' SSPE, id-drittijiet tal-vot ikunu definiti b'mod ċar u jiġu allokati lid-detenturi tal-bonds u li r-responsabbiltajiet tal-fiduċjarju u tal-entitajiet oħrajn bi dmirijiet fiduċjarji lejn l-investituri jiġu identifikati b'mod ċar.	Mhux applikabbli
STSSY 92	Artikolu 26d(1)	*Data* dwar Prestazzjonijiet Storiċi fir-rigward ta' Inadempjenzi u Telf	√			Konferma li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-investituri potenzjali qabel l-ipprezzar, *data* storika dwar il-prestazzjoni statika u dinamika fir-rigward ta' inadempjenzi u telf bħad-*data* dwar id-delinkwenza u l-inadempjenza (li tkopri perjodu ta' mill-inqas 5snin) għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li jkunu qed jiġu titolizzati, kif ukoll is-sorsi ta' dik id-*data* u l-bażi għad-dikjarazzjoni ta' similarità.	Entrata 2.2.2 tal-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980
STSSY 93	Artikolu 26d(2)	Kampjun tal-iskoperturi sottostanti soġġetti għal verifika esterna	√			Konferma li kampjun tal-iskoperturi sottostanti jkun soġġett għal verifika esterna qabel l-għeluq tat-tranżazzjoni minn parti xierqa u indipendenti, inkluża verifika li l-iskoperturi sottostanti jkunu eliġibbli għall-protezzjoni tal-kreditu skont il-ftehim tal-protezzjoni tal-kreditu.	Mhux applikabbli
STSSY 94	Artikolu 26d(3)	Disponibbiltà ta' mudell tal-fluss tal-flus tal-obbligazzjonijiet għal investituri potenzjali	√			Konferma li, qabel l-ipprezzar tat-titolizzazzjoni, l-oriġinatur iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-investituri potenzjali mudell tal-fluss tal-flus tal-obbligi li jirrappreżenta b'mod preċiż ir-relazzjoni kuntrattwali bejn l-iskoperturi sottostanti u l-pagamenti fi flussi bejn	Mhux applikabbli

						l-oriġinatur, l-investituri, partijiet terzi oħra u, jekk applikabbli, l-SSPE, u li wara l-ipprezzar, dak il-mudell isir disponibbli għall-investituri fuq bażi kontinwa u għall-investituri potenzjali fuq talba.	
STSSY 95	Artikolu 26d(4), l-ewwel subparagrafu	Pubblikazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali ta' skoperturi sottostanti magħmula minn self residenzjali jew self jew lokazzjonijiet tal-karozzi		√		F'każ ta' titolizzazzjoni fejn l-iskoperturi sottostanti jkunu self residenzjali jew self jew lokazzjonijiet tal-karozzi u sakemm ma tiġix applikata l-eċċezzjoni fil-qasam STSSY 96, spjegazzjoni qasira li l-oriġinatur jagħmel disponibbli informazzjoni relatata mal-prestazzjoni ambjentali tal-assi ffinanzjati mis-self, bħala parti mill-informazzjoni ddivulgata skont l-Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Mhux applikabbli
STSSY 96	Artikolu 26d(4), it-tieni subparagrafu	Deroga mir-rekwiżit biex tiġi ppubblikata l-prestazzjoni ambjentali ta' skoperturi sottostanti magħmula minn self residenzjali jew self jew lokazzjonijiet tal-karozzi		√		F'każ li l-oriġinatur jiddeċiedi li jidderoga mir-rekwiżit fil-qasam STSSY 95, spjegazzjoni qasira li l-oriġinatur jippubblika l-informazzjoni disponibbli relatata mal-impatti negattivi prinċipali tal-assi ffinanzjati mill-iskoperturi sottostanti fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà.	Mhux applikabbli
STSSY97	Artikolu 26d(5)	L-oriġinatur responsabbli għall-konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/2402	√			Konferma li l-oriġinatur huwa responsabbli għall-konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Mhux applikabbli
STSSY 98	Artikolu 26d(5)	Informazzjoni dwar l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/2402 disponibbli għal investituri potenzjali	√			Konferma li l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/2402 issir disponibbli għal investituri potenzjali qabel l-ipprezzar fuq talba.	Mhux applikabbli

STSSY 99	Artikolu 26d(5)	Informazzjoni dwar l-Artikolu 7(1), il-punti (b), (c) u (d) tar-Regolament (UE) 2017/2402 tkun disponibbli għall-investituri potenzjali mill-inqas f'forma ta' abbozz jew inizjali	√			Konferma li l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (b), (c) u (d), tar-Regolament (UE) 2017/2402 tkun disponibbli qabel l-ipprezzar, mill-inqas f'forma abbozzata jew inizjali u mbagħad id-dokumentazzjoni finali titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-investituri mhux iktar tard minn 15-il jum wara l-għeluq tat-tranżazzjoni.	Mhux applikabbli
STSSY 100	Artikolu 26e(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)	Avvenimenti tal-kreditu u l-użu ta' garanziji		√		Meta t-trasferiment tar-riskju jinkiseb bl-użu ta' garanziji, spjegazzjoni qasira li l-ftehim ta' protezzjoni ta' kreditu jkun ikopri mill-inqas l-avvenimenti tal-kreditu msemmija fl-Artikolu 215(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.	Mhux applikabbli
STSSY 101	Artikolu 26e(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b)	Avvenimenti tal-kreditu u l-użu ta' derivattivi tal-kreditu		√		Meta t-trasferiment tar-riskju jinkiseb bl-użu ta' derivattivi tal-kreditu, spjegazzjoni qasira li l-ftehim ta' kreditu jkun ikopri tal-inqas l-avvenimenti tal-kreditu msemmija fl-Artikolu 216(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.	Mhux applikabbli
STSSY 102	Artikolu 26e(1), it-tieni subparagrafu	Ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu dokumentat		√		Spjegazzjoni qasira li l-avvenimenti kollha tal-kreditu huma dokumentati.	Mhux applikabbli
STSSY 103	Artikolu 26e(1), it-tielet subparagrafu	Il-miżuri ta' trażżin ma jipprekludux l-iskattar tal-avvenimenti ta' kreditu eliġibbli		√		Spjegazzjoni qasira li l-miżuri ta' trażżin fis-sens tal-Artikolu 47b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jiġu applikati għall-iskoperturi sottostanti ma jkunux jipprekludu l-iskattar tal-avvenimenti ta' kreditu eliġibbli.	Mhux applikabbli

STSSY 104	Artikolu 26e(2), l-ewwel subparagrafu	Il-pagament ta' protezzjoni tal-kreditu abbażi tat-telf effettiv imġarrab u l-proċeduri standard ta' rkupru		√		Spjegazzjoni qasira li, wara li jseħħ avveniment ta' kreditu, il-pagament ta' protezzjoni tal-kreditu huwa kkalkulat abbażi tat-telf effettiv imġarrab mill-oriġinatur jew mill-mutwant oriġinali, kif maħdum skont il-politiki u l-proċeduri standard ta' rkupru għat-tipi ta' skoperturi rilevanti u rreġistrat fir-rapporti finanzjarji fiż-żmien meta jsir il-pagament.	Mhux applikabbli
STSSY 105	Artikolu 26e(2), l-ewwel subparagrafu	Ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu pagabbli f'perjodu speċifikat		√		Spjegazzjoni qasira li l-pagament finali tal-protezzjoni tal-kreditu ikun pagabbli f'perjodu speċifikat wara li d-dejn għall-iskopertura sottostanti rilevanti meta r-ristrutturar tad-dejn ikun tlesta qabel il-maturità legali skedata jew it-terminazzjoni bikrija tal-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu.	Mhux applikabbli
STSSY 106	Artikolu 26e(2), l-ewwel subparagrafu	Pagament interim ta' protezzjoni tal-kreditu mhux aktar tard minn sitt xhur wara avveniment ta' kreditu		√		F'każijiet fejn ir-ristrutturar tad-dejn għat-telf għall-iskopertura sottostanti rilevanti ma jkunx tlesta sa tmiem dak il-perjodu ta' sitt xhur imsemmi fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 26e(2) tar-Regolament (UE) 2017/2402, spjegazzjoni qasira li pagament interim ta' protezzjoni tal-kreditu isir mhux aktar tard minn sitt xhur wara li jseħħ avveniment ta' kreditu kif imsemmi fl-oqsma STSSY100 u STSSY101.	Mhux applikabbli
STSSY 107	Artikolu 26e(2), it-tieni subparagrafu, il-punti (a) u (b)	Pagament interim ta' protezzjoni tal-kreditu ogħla mill-ammont ta' telf mistenni applikabbli		√		Spjegazzjoni qasira li l-pagament interim ta' protezzjoni tal-kreditu ikun mill-inqas l-ogħla wieħed minn dawn li ġejjin:	Mhux applikabbli

						(a) l-ammont ta' telf mistenni li huwa ekwivalenti għall-indeboliment irreġistrat mill-oriġinatur fir-rapporti finanzjarji tiegħu f'konformità mal-qafas tal-kontabbiltà applikabbli fiż-żmien meta jsir il-pagament interim bis-suppożizzjoni li l-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu ma jeżistix u ma jkopri l-ebda telf; jew (b) jekk applikabbli, l-ammont ta' telf mistenni kif iddeterminat skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.	
STSSY 108	Artikolu 26e(2), it-tielet subparagrafu	Termini tal-pagament interim ta' protezzjoni tal-kreditu		√		Meta jsir pagament interim ta' protezzjoni tal-kreditu, spjegazzjoni qasira li l-pagament finali ta' protezzjoni tal-kreditu msemmi fil-qasam STSSY106 isir sabiex jiġi aġġustat is-saldu interim tat-telf mat-telf effettiv imġarrab.	Mhux applikabbli
STSSY 109	Artikolu 26e(2), ir-raba' subparagrafu	Metodu għall-kalkolu tal-pagamenti interim u finali ta' protezzjoni tal-kreditu		√		Spjegazzjoni qasira li l-metodu għall-kalkolu tal-pagamenti interim u finali ta' protezjzoni tal-kreditu huwa speċifikat fil-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu.	Mhux applikabbli
STSSY 110	Artikolu 26e(2), il-ħames subparagrafu	Il-pagament ta' protezzjoni tal-kreditu proprzjonali għas-sehem tal-ammont nominali pendenti		√		Spjegazzjoni qasira li l-pagament ta' protezzjoni tal-kreditu jkun proporzjonali għas-sehem tal-ammont nominali pendenti tal-iskopertura sottostanti korrispondenti li tkun koperta mill-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu.	Mhux applikabbli

STSSY 111	Artikolu 26e(2), is-sitt subparagrafu	Infurzabbiltà tal-pagament ta' protezzjoni tal-kreditu		√		Spjegazzjoni qasira li d-dritt tal-oriġinatur li jirċievi l-pagament ta' protezzjoni tal-kreditu huwa infurzabbli.	Mhux applikabbli
STSSY 112	Artikolu 26e(2), is-sitt subparagrafu	Ammont pagabbli mill-investituri skont il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu huwa stabbilit fil-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu.		√		Spjegazzjoni qasira li l-ammonti pagabbli mill-investituri skont il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu huma stabbiliti b'mod ċar fil-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu u limitat.	Mhux applikabbli
STSSY 113	Artikolu 26e(2), is-sitt subparagrafu	Kalkolu tal-ammonti fiċ-ċirkostanzi kollha		√		Spjegazzjoni qasira li huwa possibbli li jiġu kkalkulati l-ammonti pagabbli mill-investituri skont il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu fiċ-ċirkostanzi kollha.	Mhux applikabbli
STSSY 114	Artikolu 26e(2), is-sitt subparagrafu	Ċirkostanzi tal-pagamenti tal-investituri stabbiliti skont il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu.		√		Spjegazzjoni qasira li l-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu jistabbilixxi b'mod ċar iċ-ċirkostanzi li fihom l-investituri ikunu meħtieġa jagħmlu l-pagamenti.	Mhux applikabbli
STSSY 115	Artikolu 26e(2), is-sitt subparagrafu	Il-valutazzjoni taċ-ċirkostanzi tal-aġent ta' verifika ta' parti terza li jiskattaw il-pagamenti tal-investituri		√		Spjegazzjoni qasira li l-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 jivvaluta jekk seħħewx iċ-ċirkostanzi stabbiliti fil-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu li fihom l-investituri ikunu meħtieġa jagħmlu pagamenti.	Mhux applikabbli
STSSY 116	Artikolu 26e(2), is-seba' subparagrafu	Il-pagament ta' protezzjoni tal-kreditu kkalkulat fil-livell ta' skopertura sottostanti.		√		Spjegazzjoni qasira li l-ammont ta' pagament ta' protezzjoni tal-kreditu jiġi kkalkulat fil-livell tal-iskopertura sottostanti li għaliha jkun seħħ avveniment ta' kreditu.	Mhux applikabbli

STSSY 117	Artikolu 26e(3), l-ewwel subparagrafu	Speċifikazzjoni tal-perjodu ta' estenzjoni massimu għall-proċess ta' ristrutturar tad-dejn		√		Spjegazzjoni qasira li l-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu jispeċifika l-perjodu ta' estensjoni massimu li japplika għar-ristrutturar tad-dejn għall-iskoperturi sottostanti li għalihom ikun seħħ avveniment ta' kreditu kif imsemmi fl-Artikolu 26e(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402, iżda li r-ristrutturar tad-dejn għalihom ma jkunx ġie kkompletat sal-maturità legali skedata jew sat-terminazzjoni bikrija tal-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu.	Mhux applikabbli
STSSY 118	Artikolu 26e(3), l-ewwel paragrafu	Perjodu ta' estensjoni inqas minn sentejn		√		Spjegazzjoni qasira li l-perjodu ta' estensjoni msemmi fil-qasam STSSY 117 mhuwiex itwal minn sentejn.	Mhux applikabbli
STSSY 119	Artikolu 26e(3), l-ewwel paragrafu	Pagament finali ta' protezzjoni tal-kreditu fuq il-bażi tal-istima finali tat-telf tal-oriġinatur		√		Spjegazzjoni qasira li l-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu jipprevedi li, sa tmiem il-perjodu ta' estensjoni msemmi fin-numru tal-qasam STSSY 117, isir pagament finali ta' protezzjoni tal-kreditu fuq il-bażi tal-istima finali tat-telf tal-oriġinatur li jkun irreġistrat mill-oriġinatur fir-rapporti finanzjarji tiegħu f'dak iż-żmien bis-suppożizzjoni li l-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu ma jeżistix u ma jkopri l-ebda telf.	Mhux applikabbli
STSSY 120	Artikolu 26e(3), it-tieni subparagrafu	Terminazzjoni tal-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu		√		Fil-każ li l-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu jiġi tterminat, spjegazzjoni qasira li r-ristrutturar tad-dejn ikompli fir-rigward ta' kwalunkwe avveniment ta' kreditu pendenti li seħħ qabel dik it-terminazzjoni bl-istess mod bħal dak deskritt fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26e(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Mhux applikabbli

STSSY 121	Artikolu 26e(3), it-tielet subparagrafu	Primjums tal-protezzjoni tal-kreditu kontinġenti fuq l-ammont nominali pendenti		√		Spjegazzjoni qasira li l-primjums tal-protezzjoni tal-kreditu li għandhom jitħallsu skont il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu ikunu strutturati bħala kontinġenti fuq l-ammont nominali pendenti tal-iskoperturi titolizzati produttivi u jkunu jirriflettu r-riskju tas-segment protett.	Mhux applikabbli
STSSY 122	Artikolu 26e(3), it-tielet subparagrafu	Il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu li ma jistipulax il-mekkaniżmi li jistgħu jevitaw jew inaqqsu l-allokazzjoni attwali tat-telf għall-investituri		√		Spjegazzjoni qasira li, għall-finijiet tal-qasam STSSY117, il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu ma jistipulax primjums garantiti, pagamenti bil-quddiem tal-primjum, mekkaniżmi ta' ribass jew mekkaniżmi oħra li jistgħu jevitaw jew inaqqsu l-allokazzjoni attwali tat-telf għall-investituri jew għar-ritorn ta' parti mill-primjums imħallsin lill-oriġinatur wara l-maturità tat-tranżazzjoni.	Mhux applikabbli
STSSY 123	Artikolu 26e(3), ir-raba' subparagrafu	Deroga għall-pagamenti bil-quddiem tal-primjum		√		B'deroga mill-oqsma STSSY121 u STSSY122, meta l-iskema ta' garanzija tkun prevista b'mod speċifiku fid-dritt nazzjonali ta' Stat Membru u tibbenefika minn kontrogaranzija ta' kwalunkwe waħda mill-entitajiet elenkati fl-Artikolu 214(2), il-punti (a) sa (d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, spjegazzjoni qasira li l-pagamenti ta' primjum bil-quddiem huma permessi, dment li jkun hemm konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.	Mhux applikabbli
STSSY 124	Artikolu 26e(3), il-ħames subparagrafu	Deskrizzjoni tal-primjum tal-protezzjoni tal-kreditu fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni		√		Spjegazzjoni qasira li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tiddeskrivi kif il-primjum tal-protezzjoni tal-kreditu u kwalunkwe kupun, jekk ikun hemm, jiġu kkalkolati fir-rigward ta' kull data ta' pagament matul il-ħajja kollha tat-titolizzazzjoni.	Mhux applikabbli

STSSY 125	Artikolu 26e(3), is-sitt subparagrafu	Eżegwibilità tad-drittijiet tal-investitur		√		Spjegazzjoni qasira li d-drittijiet tal-investituri li jirċievu primjums tal-protezzjoni tal-kreditu huma infurzabbli.	Mhux applikabbli
STSSY 126	Artikolu 26e(4), l-ewwel subparagrafu	Ħatra ta' aġent ta' verifika ta' parti terza qabel id-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni	√			Konferma li, qabel id-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni, l-oriġinatur jaħtar aġent ta' verifika ta' parti terza.	Mhux applikabbli
STSSY 127	Artikolu 26e(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)	Kontroll tal-aġent tal-aġent ta' verifika ta' parti terza — Avviż ta' avveniment ta' kreditu speċifikat fit-termini tal-ftehim ta' protezzjoni	√			Konferma li l-aġent ta' verifika ta' parti terza, imsemmi fil-qasam STSSY 126, jivverifika għal kull waħda mill-iskoperturi sottostanti li jkun ingħata avviż ta' avveniment ta' kreditu għalihom, li l-avveniment ta' kreditu indikat fl-avviż huwa avveniment ta' kreditu kif speċifikat fit-termini tal-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu.	Mhux applikabbli
STSSY 128	Artikolu 26e(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b)	Kontroll tal-aġent ta' verifika ta' parti terza — Skopertura sottostanti inkluża fil-portafoll ta' referenza	√			Għal kull waħda mill-iskoperturi sottostanti li jingħata avviż dwar avveniment ta' kreditu għalihom, konferma li l-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY 126 jivverifika li l-iskopertura sottostanti kienet inkluża fil-portafoll ta' referenza fiż-żmien tal-okkorrenza tal-avveniment ta' kreditu kkonċernat.	Mhux applikabbli
STSSY 129	Artikolu 26e(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)	Kontroll ta' aġent ta' verifika ta' parti terza — Kriterji eliġibbli ssodisfati fiż-żmien tal-inklużjoni fil-portafoll ta' referenza	√			Għal kull waħda mill-iskoperturi sottostanti li jingħata avviż dwar avveniment tal-kreditu għalihom, konferma li l-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 jivverifika li l-iskopertura sottostanti ssodisfat il-kriterji ta' eliġibbiltà fil-mument tal-inklużjoni tagħha fil-portafoll ta' referenza.	Mhux applikabbli

STSSY 130	Artikolu 26e(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (d)	Kontroll ta' aġent ta' verifika ta' parti terza — Konformità mal-kundizzjonijiet tar-rikostituzzjoni	√			Għal kull waħda mill-iskoperturi sottostanti li għalihom jingħata avviż dwar avveniment ta' kreditu, konferma li l-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 jivverifika li, meta skopertura sottostanti ġiet miżjuda mat-titolizzazzjoni bħala riżultat tar-rikostituzzjoni, tali rikostituzzjoni kienet konformi mal-kundizzjonijiet tar-rikostituzzjoni.	Mhux applikabbli
STSSY 131	Artikolu 26e(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e)	Il-kontroll ta' verifika ta' parti terza — Telf konsistenti mad-dikjarazzjoni ta' profitt u telf tal-oriġinatur	√			Għal kull waħda mill-iskoperturi sottostanti li għalihom jingħata avviż dwar avveniment ta' kreditu, konferma li aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 jivverifika li l-ammont ta' telf finali jkun konsistenti mat-telf irreġistrat mill-oriġinatur fid-dikjarazzjoni tal-profitt u t-telf tiegħu.	Mhux applikabbli
STSSY 132	Artikolu 26e(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (f)	Kontroll ta' aġent ta' verifika ta' parti terza — Telf allokat b'mod korrett lill-investituri	√			Għal kull waħda mill-iskoperturi sottostanti li għaliha jingħata avviż dwar avveniment ta' kreditu, konferma li l-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 jivverifika li, fil-mument li jsir il-pagament finali għall-protezzjoni tal-kreditu, it-telf fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti jkun ġie korrettament allokat lill-investituri.	Mhux applikabbli
STSSY 133	Artikolu 26e(4), it-tieni subparagrafu	L-aġent ta' verifika ta' parti terza indipendenti mill-oriġinaturi, l-investituri u (meta applikabbli) l-SSPE		√		Spjegazzjoni qasira li l-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 ikun indipendenti mill-oriġinatur u mill-investituri, u, fejn applikabbli, mill-SSPE.	Mhux applikabbli

STSSY 134	Artikolu 26e(4), it-tieni subparagrafu	Ħatra tal-aġent ta' verifika ta' parti terza sad-data tal-għeluq		√		Spjegazzjoni qasira li l-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 aċċetta l-ħatra bħala aġent ta' verifika ta' parti terza sad-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni.	Mhux applikabbli
STSSY 135	Artikolu 26e(4), it-tielet subparagrafu	Kontroll ta' aġent ta' verifika ta' parti terza magħmul fuq bażi ta' kampjun		√		Spjegazzjoni qasira li l-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 iwettaq il-verifika fuq bażi ta' kampjun minflok fuq il-bażi ta' kull skopertura sottostanti individwali li għaliha jintalab pagament ta' protezzjoni tal-kreditu.	Mhux applikabbli
STSSY 136	Artikolu 26e(4), it-tielet subparagrafu	Possibbiltà għall-investituri li jirrikjedu li l-aġent ta' verifika ta' parti terza jiċċekkja kwalunkwe skopertura sottostanti		√		Spjegazzjoni qasira li jekk u kif l-investituri jistgħu jitolbu l-verifika tal-eliġibbiltà ta' kwalunkwe skopertura sottostanti partikolari meta ma jkunux issodisfati bil-verifika abbażi ta' kampjun.	Mhux applikabbli
STSSY 137	Artikolu 26e(4), ir-raba' subparagrafu	Possibbiltà għall-aġent verifikatur ta' parti terza li jkollu aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha		√		Spjegazzjoni qasira li l-oriġinatur jinkludi impenn fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni li jipprovdi lill-aġent ta' verifika ta' parti terza msemmi fil-qasam STSSY126 l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jivverifika r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26e(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Mhux applikabbli
STSS 138	Artikolu 26e(5), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) sa (f)	Avvenimenti ta' terminazzjoni		√		Spjegazzjoni qasira li l-oriġinatur ma jistax itemm tranżazzjoni qabel il-maturità skedata għal xi raġuni oħra għajr l-avvenimenti li ġejjin elenkati fl-Artikolu 26e(5), il-punti (a) sa (f), tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Mhux applikabbli

STSS 139	Artikolu 26e(5), it-tieni subparagrafu	Dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni — Drittijiet		√		Spjegazzjoni qasira li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tkun tispeċifika jekk xi wieħed minn drittijiet ta' xiri msemmija fl-Artikolu 26e(5), l-ewwel subparagrafu, il-punti (d) u (e), tar-Regolament (UE) 2017/2402 humiex inklużi fit-tranżazzjoni kkonċernata u kif dawn id-drittijiet ta' xiri huma strutturati.	Mhux applikabbli
STSS 140	Artikolu 26e(5), it-tielet subparagrafu	Dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni — Time call mhijiex strutturata biex jiġi evitat li t-telf jiġi allokat għal pożizzjonijiet ta' titjib fil-kreditu		√		Għall-finijiet tal-Artikolu 26e(5), l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2017/2402, spjegazzjoni qasira li t-time call ma hijiex strutturata biex jiġi evitat li t-telf jiġi allokat għal pożizzjonijiet ta' titjib fil-kreditu jew pożizzjonijiet oħra li jkollhom l-investituri u ma hijiex strutturata b'mod ieħor biex tipprovdi titjib fil-kreditu.	Mhux applikabbli
STSS 141	Artikolu 26e(5), ir-raba' subparagrafu	Time call		√		Meta t-time call tiġi inkluża fit-tranżazzjoni, spjegazzjoni qasira li r-rekwiżiti msemmija fl-STSS139 u STSS 140 huma ssodisfati, inkluża ġustifikazzjoni tal-użu tat-time call u rendikont plawżibbli li juri li l-eżerċitar tal-call mhux isir minħabba xi deterjorament fil-kwalità tal-assi sottostanti.	Mhux applikabbli
STSS 142	Artikolu 26e(5), il-ħames subparagrafu	Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu — Ritorn kollaterali lill-investituri fl-ordni tas-superjorità tas-segmenti		√		Fil-każ ta' protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu, spjegazzjoni qasira li, mat-terminazzjoni tal-ftehim tal-protezzjoni tal-kreditu, il-kollateral jingħata lura lill-investituri fl-ordni tas-superjorità tas-segmenti mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-liġi rilevanti tal-insolvenza, kif applikabbli għall-oriġinatur.	Mhux applikabbli

STSS 143	Artikolu 26e(6)	Tmiem ta' tranżazzjoni minn investituri meta jonqsu milli jħallsu primjum għall-protezzjoni tal-kreditu		√		Spjegazzjoni qasira li l-investituri ma jistgħux itemmu tranżazzjoni qabel il-maturità skedata tagħha għal xi raġuni oħra għajr in-nuqqas ta' ħlas tal-primjum għall-protezzjoni tal-kreditu jew xi ksur materjali ieħor tal-obbligi kuntrattwali mill-oriġinatur.	Mhux applikabbli
STSSY 144	Artikolu 26e(7), il-punt (a)	Ammont ta' marġni pożittiv sintetiku għall-investituri speċifikat fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni u espress bħala perċentwal fiss tal-bilanċ totali pendenti tal-portafoll		√		Meta l-oriġinatur jikkommetti marġni pożittiv sintetiku, li jkun disponibbli bħala titjib tal-kreditu għall-investituri, spjegazzjoni qasira li l-ammont tal-marġni pożittiv sintetiku li l-oriġinatur jieħu l-impenn li juża bħala titjib fil-kreditu f'kull perjodu ta' pagament, ikun speċifikat fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni u espress bħala perċentwal fiss tal-bilanċ totali pendenti tal-portafoll fil-bidu tal-perjodu ta' pagament rilevanti (marġni pożittiv sintetiku fiss).	Mhux applikabbli
STSSY 145	Artikolu 26e(7), il-punt (b)	Marġni pożittiv sintetiku mhux użat li għandu jiġi rritornat lill-oriġinatur		√		Meta l-oriġinatur jikkommetti marġni pożittiv sintetiku, li jkun disponibbli bħala titjib fil-kreditu għall-investituri, spjegazzjoni qasira li l-marġni pożittv sintetiku li ma jintużax biex ikopri t-telf ta' kreditu li jimmaterjalizza waqt kull perjodu ta' pagament, jiġi rritornat lill-oriġinatur.	Mhux applikabbli
STSSY 146	Artikolu 26e(7), il-punt (c)	Oriġinaturi li jużaw approċċ ibbażat fuq il-klassifikazzjonijiet interni — Ammont totali impenjat fis-sena mhuwiex ogħla mill-ammonti regolatorji ta' telf mistennija ta' sena		√		Meta l-oriġinatur jimpenja marġni pożittiv sintetiku, li jkun disponibbli bħala titjib fil-kreditu għall-investituri, spjegazzjoni qasira li, għal oriġinaturi li jużaw l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni msemmi fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-ammont totali impenjat kull sena ma jkunx ogħla mill-ammonti	Mhux applikabbli

						regolatorji ta' telf mistennija ta' sena fuq l-iskoperturi sottostanti kollha għal dik is-sena, ikkalkulati skont l-Artikolu 158 ta' dak ir-Regolament.	
STSSY 147	Artikolu 26e(7), il-punt (d)	L-oriġinaturi li ma jużawx approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni — il-kalkolu tat-telf mistenni ta' sena tal-portafoll sottostanti jiġi determinat b'mod ċar fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni		√		Meta l-oriġinatur jimpenja marġni pożittiv sintetiku, li jkun disponibbli bħala titjib fil-kreditu għall-investituri, spjegazzjoni qasira li għal oriġinaturi li ma jużawx l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni msemmi fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-kalkolu tat-telf mistenni ta' sena tal-portafoll sottostanti jiġi determinat b'mod ċar fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni.	Mhux applikabbli
STSSY 148	Artikolu 26e(7), punt (e)	Kundizzjonijiet tal-marġni pożittiv sintetiku stabbilit fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni		√		Meta l-oriġinatur jimpenja marġni pożittiv sintetiku, li jkun disponibbli bħala titjib tal-kreditu għall-investituri, spjegazzjoni qasira li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tispeċifika l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26e(7) tar-Regolament (UE) 2017/2402.	Mhux applikabbli
STSS 149	Artikolu 26e(8), punti (a), (b) u (c)	Protezzjoni tal-kreditu użata		√		Spjegazzjoni qasira ta' liema mill-forom li ġejjin hija konformi mal-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu: (a) garanzija li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li biha r-riskju ta' kreditu jiġi ttrasferit lil kwalunkwe waħda mill-entitajiet elenkati fl-Artikolu 214(2), il-punti (a) sa (d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dment li l-iskoperturi għall-investitur ikunu jikkwalifikaw għal piż tar-riskju ta' 0 % skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta ta' dak ir-Regolament;	Mhux applikabbli

						(b) garanzija li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II, il-Parti Tlieta, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li tibbenefika minn kontrogaranzija ta' kwalunkwe waħda mill-entitajiet imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu; (c) protezzjoni ta' kreditu oħra mhux imsemmija fil-punti (a) u (b) hawn fuq fil-forma ta' garanzija, derivattiva ta' kreditu jew noti marbuta ma' kreditu, li tkun tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 249 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dment li l-obbligi tal-investitur ikunu żgurati minn kollateral li jkun jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 9 u 10 tal-Artikolu 26e tar-Regolament (UE) 2017/2402.	
STSSY 150	Artikolu 26e(9), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)	Infurzabbiltà tad-dritt tal-oriġinatur li juża l-kollateral sabiex jissodisfa l-obbligi tal-ħlas ta' protezzjoni tal-investituri permezz ta' arranġamenti kollaterali xierqa			√	Meta tintuża protezzjoni tal-kreditu msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 26e(8) tar-Regolament (UE) 2017/2402, spjegazzjoni dettaljata ta' kif id-dritt tal-oriġinatur li juża l-kollateral sabiex jissodisfa l-obbligi tal-ħlas ta' protezzjoni tal-investituri ikun infurzabbli u l-infurzabbiltà ta' dak id-dritt tkun żgurata permezz ta' arranġamenti kollaterali xierqa.	Mhux applikabbli
STSSY 151	Artikolu 26e(9), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b)	Id-dritt tal-investituri li jirċievu xi kollateral mhux użat meta t-titolizzazzjoni tinħall jew meta s-segmenti jamortizzaw		√		Meta tintuża protezzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 26e(8), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2017/2402, spjegazzjoni qasira li tindika li d-dritt tal-investituri, jekk it-titolizzazzjoni tiġi xolta jew is-segmenti jiġu ammortizzati, li jirritornaw xi kollateral li ma ntużax biex jissodisfaw il-pagamenti ta' protezzjoni jkun infurzabbli.	Mhux applikabbli

STSSY 152	Artikolu 26e(9), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)	Kollateral investit f'titoli — Kriterji ta' eliġibbiltà u arranġamenti ta' kustodja speċifikati fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni			√	Meta tintuża protezzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 26e(8), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2017/2402, spjegazzjoni dettaljata ta' kif, meta l-kollateral jiġi investit f'titoli, id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tistabbilixxi l-kriterji ta' eliġibbiltà u l-arranġament ta' kustodja għat-titoli.	Mhux applikabbli
STSSY 153	Artikolu 26e(9), it-tieni subparagrafu	Investituri esposti għar-riskju tal-kreditu tal-oriġinatur		√		Spjegazzjoni qasira li d-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tispeċifika jekk l-investituri jibqgħux esposti għar-riskju tal-kreditu tal-oriġinatur.	Mhux applikabbli
STSSY 154	Artikolu 26e(9), it-tielet subparagrafu	Opinjoni ġuridika li tikkonferma l-infurzabbiltà tal-protezzjoni tal-kreditu fil-ġurisdizzjonijiet kollha	√			Konferma li l-oriġinatur ikun kiseb opinjoni minn konsulent legali kkwalifikat li tikkonferma l-infurzabbiltà tal-protezzjoni tal-kreditu fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha.	Mhux applikabbli
STSSY155	Artikolu 26e(10), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)	Kollateral ta' kwalità għolja — titoli ta' dejn b'piż tar-riskju ta' 0 %		√		Meta tiġi pprovduta protezzjoni ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 26e(10), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/2402 fil-forma ta' titoli ta' dejn b'piż tar-riskju ta' 0 % msemmija fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, spjegazzjoni konċiża li l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin huma ssodisfati: (i) dawk it-titoli tad-dejn ikollhom maturità massima li jifdal ta' tliet xhur li ma tkunx itwal mill-perjodu li jifdal sad-data ta' pagament li jmiss (ii) dawk it-titoli tad-dejn jistgħu jinfdew fi flus f'ammont ugwali għall-bilanċ pendenti tas-segment protett;	Mhux applikabbli

						(iii) dawk it-titoli tad-dejn jinżammu minn kustodju indipendenti mill-oriġinatur u l-investituri;	
STSSY 156	Artikolu 26e(10), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b)	Kollateral ta' kwalità għolja — flus kontanti ma' istituzzjoni ta' kreditu terza b'livell tal-kwalità tal-kreditu 3 jew ogħla		√		Meta protezzjoni tal-kreditu tiġi pprovduta skont l-Artikolu 26e(10), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2017/2402, spjegazzjoni qasira tal-arranġament tal-kollateral, li jagħti lill-oriġinatur u lill-investitur rikors għal kollateral f'forma ta' flus kontanti miżmuma ma' istituzzjoni ta' kreditu terza b'livell ta' kwalità tal-kreditu 3 jew ogħla f'konformità mal-assoċjazzjoni stabbilita fl-Artikolu 136 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.	Mhux applikabbli
STSSY 157	Artikolu 26e(10), it-tieni subparagrafu	Deroga — kollateral fil-forma ta' flus kontanti depożitati mal-oriġinatur			√	Meta tintuża d-deroga mill-Artikolu 26e(10), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2017/2402, spjegazzjoni dettaljata tal-arranġament kollaterali, bil-kunsens rispettiv tal-investitur, li jagħti lill-oriġinatur rikors għal kollateral ta' kwalita għolja f'forma ta' flus kontanti depożitati mal-oriġinatur, jew wieħed mill-affiljati tiegħu.	Mhux applikabbli
STSSY 158	Artikolu 26e(10), it-tielet subparagrafu	Kollateral fil-forma ta' flus kontanti depożitati mal-oriġinatur — permess mill-awtorità kompetenti			√	Spjegazzjoni dettaljata tal-kunsens mill-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402 li l-kollateral jista' jkun fil-forma ta' flus kontanti depożitati mal-oriġinatur, jew ma' wieħed mill-affiljati tiegħu, jekk l-oriġinatur jew wieħed mill-affiljati tiegħu jikkwalifika għal-livell tal-kwalità tal-kreditu 3 dment li d-diffikultajiet tas-suq, l-impedimenti oġġettivi relatati mal-livell tal-kwalità tal-kreditu assenjat lill-Istat Membru tal-istituzzjoni jew problemi potenzjali sinifikanti ta'	Mhux applikabbli

						konċentrazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat minħabba l-applikazzjoni tar-rekwiżit minimu tal-livell tal-kwalità tal-kreditu 2 imsemmi fl-Artikolu 26e(10), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2017/2402, ikunu jistgħu jiġu dokumentati.	
STSSY 159	Artikolu 26e(10), ir-raba' subparagrafu	Trasferiment ta' kollateral meta istituzzjoni ta' kreditu ta' parti terza jew oriġinatur ma jibqgħux jissodisfaw il-livell tal-kwalità tal-kreditu			√	Spjegazzjoni dettaljata ta' kif il-kollateral jiġi ttrasferit f'konformità mal-Artikolu 26e(10), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2017/2402 meta l-kollateral ikun inżamm fil-forma ta' flus kontanti depożitati ma' istituzzjoni li ma tibqax tissodisfa l-livell minimu ta' kwalità tal-kreditu.	Mhux applikabbli
STSSY 160	Artikolu 26e(10), il-ħames subparagrafu	Konformità mar-rekwiżiti tal-kollateral fil-każ ta' investimenti f'noti marbuta ma' kreditu maħruġa mill-oriġinatur	√			Konferma li hemm investiment f'noti marbuta ma' kreditu maħruġa mill-oriġinatur, f'konformità mal-Artikolu 218 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.	Mhux applikabbli"